# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 742/19 TA**

**Francis Bellia**
**(K.I. Nru 0574452M)**

**vs**

**Saviour Agius**
**(K.I. Nru 0673862M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Francis Bellia (l-Attur) tad-29 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi fit-30 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent, waqt illi kien preżenti f'sit ta' kostruzzjoni li jinsab ġewwa Triq Santa Rita, c/w Sqaq Karla f'Birkirkara, preżentament mingħajr numru uffiċjali, ġarrab korriment serju meta waqa' minn għoli ta' iktar minn żewg sulari f'xaft ta' lift li ma kienx magħluq u li ma kellu ebda ilqugħ protettiv jew issenjalat; (vide Dok FB1)

2. Illi l-konvenut Saviour Agius, magħruf bil-laqam tiegħu 'Is-Selvaġġ', huwa l-proprjetarju tas-sit ta' kostruzzjoni mertu tal-inċident, u dak li inkariga u l-persuna de facto responsabbli għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-imsemmi sit, billi kien ikun preżenti kuljum u jwettaq ħafna mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni hu stess;

3. Illi l-konvenut Saviour Agius kien regolarment jitlob lir-rikorrent sabiex jgħinu fix-xogħol ta' kostruzzjoni f'dan l-istess sit, u sabiex jaqdih f'dak kollu li jkun meħtieġ peress li r-rikorrent, b'karriera fis-sengħa tal-bini, kien fiżikament b'saħħtu ħafna;

4. Illi kif ser jiġi kkonfermat fl-atti tal-kawża, kemm-il darba inġibdet l-attenzjoni tal-intimat li s-sit ma kienx sigur skont il-liġi iżda dan baqa' inadempjenti u ppersista fl-illegalitajiet tiegħu b'indifferenza assoluta għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tar-rikorrent li kienu jkunu regolarment f'dan is-sit;

5. Illi l-konvenut Saviour Agius kien preżenti fil-mument li seħħ l-inċident, kif kienu wkoll ħaddiema oħra barranin mingħajr permess, li wara l-inċident ħarbu jiġru minn fuq il-post u ma dehrux iktar;

6. Illi filwaqt li l-intimat kien ben konxju tal-gravità tal-inċident peress li r-rikorrent ma ċċaqlaqx wara l-waqgħa, l-istess intimat ħalla lir-rikorrent għall-mewt billi naqas li jsejjaħlu l-ewwel għajnuna jew iċempel lis-servizzi ta' emerġenza!

7. Illi mill-mument tal-inċident sal-ħin li l-familjari tar-rikorrent marru fuq il-post, kienet għadha ma ssejħitx l-ewwel għajnuna u kienu fil-fatt l-istess familjari li kellhom iċemplu l-emerġenza. Illi fil-preżenza ta' dawn il-familjari, l-intimat beda addirittura jirrifjuta li t-telefonata għall-għajnuna ssir mit-telefon ċellulari tiegħu;

8. Illi minħabba n-natura serja tal-inċident, ir-rikorrent Francis Bellia kien fil-perklu tal-mewt u kellu jiġi operat b'urġenza, b'konvalexxenza twila fit-Taqsima tal-Kura Intensiva (ITU) fl-Isptar Mater Dei, u kif ukoll fl-Orthopedic Ward.

9. Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident li tiegħu huwa unikament responsabbli l-intimat Agius, ir-rikorrent sofra korriment gravi u danni inġenti fuq il-persuna u l-integrità fiżika tiegħu li wasslitu għal debilità permanenti sinifikanti, li għadha qed tiġi stabbilita peress li sa illum għadhom jiżvolġu kumplikazzjonijiet mediċi ġodda;

10. Illi għalkemm ir-rikorrent kellu 65 sena meta seħħ l-inċident, ma kellu ebda kundizzjoni medika preċedenti u fil-fatt kien għadu f'saħħtu u jaħdem xogħlijiet varji li kien jagħtih l-istess intimat, fost l-oħrajn. Ir-rikorrent kien ukoll isuq b'mod normali, u jieħu ħsieb lil martu li ilha afflitta minn kundizzjoni medika għal diversi snin. Ir-rikorrent kien ukoll jieħu ħsieb lin-neputijiet tiegħu, iwassalhom u jgħaddi għalihom

l-iskola, jagħmel ix-xiri għad-dar u jaqdi l-maġġor parti tal-funzjonijiet tal-familja tiegħu;

11. Illi b'hekk, mhux biss kien ifendi għall-bżonnijiet kollha tiegħu u ta' martu, iżda kien għadu l-breadwinner tal-familja u jaqdi funzjoni ekonomika essenzjali għal familtu liema kontribut għandu valur sostanzjali u imprezzabbli;

12. Illi kawża tal-inċident inkwistjoni, is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja tar-rikorrent u ta' familtu, kif ukoll l-aspettattivi kollha ta' ħajtu intilfu b'mod permanenti u l-istess rikorrenti sar dipendenti fuq ħaddieħor sabiex jaqdi l-aktar affarijiet bażiċi tiegħu;

13. Illi din it-traġedja mhux biss kompletament biddlet ħajjet ir-rikorrent, li illum huwa persuna għal kollox differenti minn kif kien qabel, iżda kellha impatt konsiderevoli fuq uliedu u n-neputijiet tiegħu li b'diffikultajiet kbar iridu jkopru l-istess funzjonijiet li qabel kien iwettaqhom ir-rikorrent;

14. Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, u nuqqas ta' prudenza u tħaris tar-regolamenti bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;

15. Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti permezz ta' Ittra Uffiċjali (Nru 3627/2018), l-intimat ma wera ebda reazzjoni għall-istess intimazzjoni. Illi hekk ukoll, l-intimat ipprova jaħrab in-notifika u wara diversi tentattivi, kien fil-fatt ġie innotifikat fl-istess sit ta' kostruzzjoni fejn kien u għadu jkun hemm ta' kuljum; (vide DOK FB2)

16. In vista tal-inadempjenza assoluta tal-intimat għat-talbiet rikorrenti, kellha ssir din il-kawża bħala l-aħħar rimedju sabiex issir ġustizzja.

17. Illi r-rikorrent, familjari u xhieda oħra jafu b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Mejju 2018, fis-sit ta' kostruzzjoni suespost proprjetà tal-istess konvenut, u għad-danni kollha diretti u konsegwenzjali, preżenti u futuri, subiti mir-rikorrent bħala riżultat ta' dan l-inċident;

2. Tillikwida dawn id-danni favur ir-rikorrent okkorendi bl-opra ta' esperti u periti nominati għal dan il-għan;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrent dawk id-danni li jiġu hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż kollha u l-imgħaxijiet legali, kompriżi dawk tal-Ittri Uffiċjali numru 3627/2018 u tal-preżenti."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Saviour Agius (il-konvenut) tat-22 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"EĊĊEZZJONIJIET

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan stante illi, ir-rikorrent huwa unikament risponsabbli għall-Inċident *de quo* , liema inċident seħħ unikament bi ħtija u negliġenza tar-rikorrent stess, meta daħal f-sit ta' kostruzzjoni attiva mingħajr awtorizzazzjoni u jew/permess tas-sid.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba għandha tiġi miċħuda peress illi id-danni li sofra ir-rikorrent huma kawża tal-aġir negliġenti ta' l-istess rikorrent.

3. Illi it-tielet talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda u dan għaliex l-intimat m'għandux jiġi kostrett iħallas ebda danni fil-konfront tar-rikorrent li għalihom mhuwiex responsabbli.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mil-liġi; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi dwar il-fatti msemmija fil-paragrafu 1 hemm kontestazzjoni, in kwantu illi ix-xaft tal-lift ma kienx magħluq u li ma kellu ebda ilqugħ, fejn fil-fatt ix-xaft kien magħluq bil-pjanċi tal-injam (Vid Dok SA1) u għaldaqstant kien hemm ilqugħ protettiv a kuntrarju ta' dak li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur. Huwa minnu ukoll illi l-immaġini indikat f-Dok FB1 juru biss l-intrata tas-sit ta' kostruzzjoni u mhux tax-xaft cioe' is-sit tal-inċident kif qiegħed jiġi allegat f-paragrafu numru 1 tar-rikors promotur.

2. Illi m'hemmx kontestazzjoni fuq il-paragrafu numru 2.

3. Illi il-fatti msemmijin fil-paragrafu numru 3, huma kontestati *in toto*; stante illi l-intimat qatt ma qabbad jew inkariga bl-ebda mod ir-rikorrent biex jagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni f'dan is-sit għar-raġunijiet varji, kif ser jiġi ampjament pprovat fil-mori ta' din il-kawża. Barra minn hekk l-uniku raġuni li kien ikun fil-viċinanzi tas-sit in kwistjoni kien biex jitlob lill-intimat biex jipprovdilu xi materjal b'xejn, jew jisilfu xi għodda.

4. Illi il-fatt msemmi fil-paragrafu numru 4 huwa kontestat stante illi l-intimat ilu fl-industrija tal-bini għal għexieren ta' snin, u tul il-karriera tiegħu dejjem mexa skont lis-standards applikabbli tal-liġi, kif mexa ukoll fis-sit tal-proġett in kwistjoni, tant hu hekk illi ma kienx hemm l-

ebda notifika uffiċjali jew proċedura ta' enforzament fil-konfront tal-intimat fir-rigward tas-sit in kwistjoni u dan kif ha jiġi kkonfermat fl-atti tal-kawża.

5. Illi dwar il-fatti msemmijin fil-paragrafu numru 5. Huwa minnu illi l-intimat kien preżenti fis-sit fil-ħin meta ġara l-inċident iżda huwa kien f'parti oħra tas-sit, u kien ma ħaddiem malti li kien l-uniku ħaddiem preżenti fuq is-sit fil-ġurnata li seħħ l-inċident. Għaldaqstant qiegħed jiġi ikkontestat ukoll il-fatt hekk iddikjarat f'dan l-istess paragrafu li kien hemm ħaddiema oħra barranin mingħajr permess preżenti dakinhar.

6. Illi fir-rigward tal-fatti ikkwotati fil-paragrafi 6 u 7, hekk kif ħa jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, kien l-intimat stess li, wara li intebaħ bl-inċident sejjaħ għall-ewwel għajnuna u sussegwentement informa lill-qraba tar-rikorrenti bl-inċident.

7. Illi il-fatti iddikjara fil-paragrafu 8 mhumiex jiġu kkontestati.

8. Dwar dak imsemmi fil-paragrafu 9, huwa kontestat in kwantu illi ir-responsabilita' tal-inċident hija unikament attribwibbli lir-rikorrent, li kien il-persuna li daħal fuq proprjeta' privata, li kienet sit ta' kostruzzjoni attiva, li għadda biex telgħa fit-tieni sular ta' l-istess sit u b'konsegwenza tan-negliġenza assoluta tiegħu waqa' u sofra ġrieħi ta' natura gravi hekk kif indikati fil-paragrafu 8 tar-rikors promotur.

9. Illi qiegħed jiġi kontesat fil-paragrafu 9 tar-rikors promotur huwa, illi l-intimat qatt ma qabbad ir-rikorrent jagħmel ebda xogħol fuq is-sit tal-kostruzzjoni in kwistjoni.

10. Dwar dak imsemmi fil-paragrafu 11 qiegħed jiġi kkontestat in kwantu illi, ir-rikorrent huwa pensjonant u ma kellu ebda dħul ieħor minn impjieg u/jew kuntratti ta' servizz ma l-intimat jew terzi barra il-pensjoni, u dan kif ħa jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

11. Illi l-paragrafi 12 u 13 mhumiex qed jiġu kkontestati.

12. Illi l-paragrafu numru 14 qiegħed jiġi kkontestat stante illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba in-negliġenza u traskuraġni, u nuqqas ta' prudenza tar-rikorrent u ma kien hemm l-ebda ksur tar-regolamenti bażiċi tas-saħħa u sigurta' minn naħa ta' l-intimat, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

13. Illi l-intimat u xhieda oħra jafu b'dawn il-fatti personalment."

Rat l-atti u dokumenti fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fit-30 ta' Mejju 2018 l-Attur kien presenti f'sit ta' kostruzzjoni li jinsab fi Triq Santa Rita c/w Sqaq Karla, B'Kara. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-Attur daħal f'dan is-sit li huwa propjeta' tal-konvenut. Hu kien jidħol f'dan is-sit mhux bħala impjegat tal-konvenut iżda issa għal ħaġa u issa għall-oħra fost oħrajn biex jagħti xi te lill-konvenut jew biex jissellef mingħandu xi għoddod u anke biex jgħid xi kelmtejn. L-Attur huwa raġel irtirat u jirċievi l-pensjoni kontributorja.

**2.** Fid-data fuq imsemmija seħħ l-inċident fatali meta l-Attur waqa' għoli ta' circa erbgħa sulari. Bħala fatt, il-ġrieħi li ġarrab kienu ta' natura gravi u anke kien fil-perikolu tal-mewt. Bħala fatt il-konvenut mhux biss huwa propjetarju tas-sid iżda ukoll responsabbli għax-xogħol li kien qiegħed isir.

**3.** B'konsegwenza ta' din il-waqa' l-Attur sofra d-danni li qiegħed ifittex għalihom bil-kawża odjerna.

**Punti ta' liġi**

**4.** Permezz tar-rikors ġuramentat odjern fi kliem l-istess Attur, il-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha mill-Attur dan abbażi ta'

dak li jiddisponi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

**5.** Huwa evidenti mill-mod kif tfasslu l-kawżali li l-Attur qed jimputa *culpa aquiliana* lill-konvenut għad-danni li jallega li sofra bħala konsegwenza tal-waqgħa fit-30 ta' Mejju 2018. Il-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*.

**6.** Din id-disposizzjoni tikkorrispondi fil-kamp penali mal-Art 225 tal-Kap 9 li jitkellem dwar imġieba ġejja minn nuqqas ta' ħsieb, minn traskuraġni, jew minn nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew minn nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. Il-ġurisprudenza tagħna hija konkordi illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti"* (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). Di piu' huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att u li bih jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**7.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuż;

"*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).

**8.** Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*". U fis-**Sentenza tat-18 ta` Awwissu 1965 fil-kawża fl-ismijiet Spiteri pro et noe -vs- Castle il-Qorti Ċivili, Prim Awla,** ittrattat id-differenza fuq il-pjan ġuridiku bejn *culpa aquiliana* u *culpa ex contractu*. In partikolari dwar culpa aquiliana rrilevat illi *"il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-'neminem laedere' kombinat man-negligenza taht il-ligi … Dwar il-grad ta` culpa, il-Qorti fissritu bhala dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias*".

**9.** Dan huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Il-Qorti għandha qabel kollox tqies jekk l-Attur jaħtiex għall-inċident u cioe' il-kwistjoni ta' responsabbilita. Jekk il-Qorti ssib li huwa hekk responsabbli għal kollox jew fi grad partikolari, allura wara tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-Attur.

*Ir-responsabbilita tal-inċident*

**11.** Jibda mill-ewwel biex jingħad li mill-provi prodotti rrisulta li l-konvenut ma huwa xejn tal-garbu f'xogħolu anke jekk fl-aħħar tal-Kawza ressaq ammont ta' xhieda biex jipprova l-kuntrarju bħal ma huwa Emmanuel Farrugia electrician, Carmel Calleja u l-Perit David Psaila (Ara a' fol 564 sa 568).

**12.** Il-Perit Richard Aquilina imqabbad mill-Qorti fl-inkjesta ikkonkluda li "*kien hemm nuqqas minn naha tal-bennej li ma zammx il-grada imsakkra".* Għalkemm jgħid ukoll li "*Minn naha l-ohra, Francis Bellia ma kienx postu li jidhol fuq dak il-lant tax-xoghol."* (Emfażi tal-Qorti a' fol 81). Fuq mistoqsija tal-Qorti, Keith Debono site manager, għaliex ħass li kellu jitlaq jixhed hekk: "*l-Affarijiet bhala safety ma kienux jittrangaw kif xtaqt jiena sal-ahhar…".* Dan ix-xhud jispjega kif anke s-safety wear il-konvenut kien jinjora (a' fol 92). Ix-xhieda ta' Norbert Ciappara , spettur tal-OHSA, hija ukoll riflessjoni dwar kemm il-konvenut kien bniedem li bħal donnu għalih is-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol ftit li xejn kellha valur. Dan jirriflettih anke Keith Debono kif ser naraw 'l quddiem.

**13.** Għalhekk meta l-Qorti qieset sewwa l-provi imressqa ma rrisultalha xejn minn dak li qalu x-xhieda fuq imressqa mill-konvenut. Hu stess ma kienx jieħu ħsieb li jilbes l-ilbies prottettiv aħseb u ara kemm kien jinteressah f'ħadd ieħor. Huwa bniedem fejn mal-ewwel okkażjoni li jkollu ma jirrispettax dak li tidetta l-liġi. Di fatti, meta Norbert Ciappara mar it-

tieni darba fuq il-post sab żewġ ħaddiema qegħdin jistaħbu għaliex ma jidhirx li kienu reġistrati mal-Jobs Plus (a' fol 150). Daqshekk jagħti każ il-liġi l-konvenut.

**14.** B'dana kollu ma jfissirx li sa hawn għandu jkun misjub responsabbli għall-inċident għaliex għad irid ikun stabbilit in-ness kawżali, jiġifieri l-aġir tal-konvenut bħala l-kawża tad-danni li soffra l-Attur. Biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieġ li jkun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Hekk jinsab affermat illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante*" (**Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummerċjali, tas-6 ta' Frar, 1928**).

**15.** Ma hemm ebda dubbju li dak in-nhar tal-inċident, l-Attur tassew kien fuq is-sit propjeta' tal-Attur. Tul il-kawża l-partijiet iddibattew kemm felħu jekk dak in-nhar l-Attur kienx daħal fis-sit inkwistjoni bil-permess tal-konvenut Fil-verita' dan ftit li xejn għandu importanza għaliex l-aktar li jista' jirrifletti fuq il-grad ta' responsabbilita' u mhux fuq l-eżoneru komplet tal-konvenut mill-akkadut. Di fatti l-Perit Aquilina stabilixxa li hemm responsabbilita' għaliex tħalliet miftuħa l-grada b'mod li kulħadd seta jidħol f'sit li kien għadu taħt kostruzzjoni bil-perikoli li jirrapresenta.

Setgħu kienu tfal li qegħdin jilgħabu u daħlu javventuraw ta' tfal li huma. Di fatti l-Perit Richard Aquilina ukoll jgħid li post l-Attur ma kellux ikun hemm. Iżda din l-aħħar osservazzjoni għandha valur biss jekk l-Attur kien hemm mingħajr il-kunsens tal-konvenut u dan biss ai fini ta' apporzjonament ta' responsabbilita'.

**16.** Iżda wara li din il-Qorti eżaminat sewwa l-provi, il-preponderanza tagħhom kollha jippontaw lejn il-fatt, li kienet ħaġa abitwali li l-Attur jidħol fis-sit, issa għal ħaġa u issa għall-oħra. Ġieli daħal biex jitlob xi għodod jew materjal lill-konvenut u dan kif jammetti l-istess konvenut u kif ukoll biex jagħmillu belgħa te jew kafe'.

**17.** Jonathan Calleja, ħaddiem mal-konvenut, jgħid ċar u tond li l-Attur, misjub bil-laqam tal-Ginger, <u>kien jiġi ta' spiss fuq il-post</u> (a' fol 145). Fl-atti tal-inkjesta il-Perit inkarigat mill-Qorti stabilixxa, li skont ma qallu l-konvenut dan għaraf lill-Attur għax ta' spiss kien imur hemm u joqgħod jgħid xi kelma miegħu u li infatti huwa kien jaf anke fejn joqgħod u li mill-ewwel mar iħabbat fir-residenza tiegħu li tinsab fil-viċin (a' fol 78).

**18.** Isabelle Bellia tikkonferma li de propio taf li missierha kien jagħmel xi te u anke xogħol għall-konvenut (a' fol 37). Rose Bellia, il-mara tal-Attur, ukoll tirrakonta kif dak in-nhar l-Attur mar jieħu t-te' lill-konvenut. Li kien hemm drabi li tassew kien jieħu t-te lill-konvenut huwa minnu għaliex anke huwa stess jikkonferma dan fl-inkjesta (a' fol 134). Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenut stess jammetti "*li l-uniku raguni li <u>kien ikun fil-</u>*

<u>*viċinanzi*</u> *tas-sit inkwistjoni kien biex jitlob lill-intimat biex jipprovdilu xi materjal b'xejn jew jisilfu xi ghodda*". (a' fol 23 tergo). Il-Qorti tista tiċċita xhieda oħra li kollha jindikaw li l-Attur mhux biss kien ikun fil-viċinanzi tas-sit iżda addirittura kien jaċċedi għalih bil-liberalita' kollha u bil-kunsens tal-konvenut, anke jekk wara l-inċident jipprova jilgħabha li dak in-nhar ma kienx jaf bil-presenza tiegħu.

**19.** Stabbilit li l-Attur kien ikun presenti fuq is-sit, imiss li jiġi stabbilit li jekk dak li ġralu jwassalx għar-responsabbilita' tal-konvenut.

**20.** Keith Debono, is-site manager inkarigat mill-konvenut fost oħrajn għal *health and safety,* ma kompliex aktar bl-inkarigu wara l-inċident. Fuq mistoqsija tal-Qorti għaliex ħass li kellu jitlaq jixhed hekk: "*l-Affarijiet bhala safety ma kienux jittrangaw kif xtaqt jiena sal-ahhar. Jigifieri ma xtaqtx li, ma kienx hemm qisu dik il-kommunikazzjoni ta' safety minn naha, nghidilhom jaghmlu xi haga mhux dejjem issir …*" (a' fol 92 tergo). Fuq mistoqsija tal-Qorti x'rakkomandazzjonijiet kien jagħmel iwieġeb "*Li jsiru l-guard rails. Ir-railings <u>biex biedem ma jaqax</u>*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 96 tergo). Ikompli jixhed li waħda mir-raġunijiet li telaq kienet minħabba rakkomandazzjonijiet li għamel "<u>*Fuq falls from height*</u>." Din kienet l-aktar gravi. (Emfażi tal-Qorti a' fol 100).

**21.** Jonathan Zammit miżżewweġ lil waħda mit-tfal tal-Attur, jgħid li meta mar fuq il-post dak in-nhar tal-inċident Keith Debono jixhed hekk: "*Ghidlu (recte 'ghedtlu') li waqa' il-kunjatu qalli kont ghidtlu biex*

*jaghmilhom dawk il-hadid jew injam whatever fix-shaft. Avolja dik tigi minn bniedem biex jaghmilhom bictejn injamiet. Dan qed nghidu €10 njama ta"* (a' fol 109 tergo). Keith Debono jkompli jixhed li b'mod ġenerali "Ma kienx hemm ilqugh" (Emfażi tal-Qorti a' fol 115). Jgħid ukoll li kien hemm drabi meta kien jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut biex jieħu xi prekawzjonijiet u meta kien jerġa' jmur fuq il-post isib li ma sar xejn. Bħal dawn l-istanzi ma kienx hemm ftit. Kien jgħidlu li jrid jagħlaq (a' fol 116).

**22.** Iżda kieku din ix-xhieda ma kienitx biżżejjed, dik ta' Norbert Ciappara, spettur tal-OHSA, tikkonferma l-preokkupazzjoni li kellu Keith Debono. Dan mingħajr kantunieri u tlaqliq jgħid hekk:

"*….ezaminajt ir-rapporti li kien ghaddieli Saviour Aguis, fejn irrid nghid ukoll li jidher li minn fejn allegatament waqa' s-Sur Francis Bellia, jidher mir-ritratti fir-rapport ta' Keith Debono jidher li hemm zewg injamiet pero' dawn iz-zewg injamiet imwahhlin fuq in-naha ta' barra u mhux ta' gewwa.*" (Emfazi tal-Qorti a' fol 149 u 152 tergo). In kontro eżami jgħid "*Jiena ghalija kieku kont qed narah jiena, kieku inkun fuq inspection u narah nghidlu aqilghu minn hemm u itfghu fuq gewwa"* (a' fol 794 tergo). Minn hawn jidher li għall-konvenut kollox kien jgħaddi.

**23.** Tajjeb li jingħad li dan ix-xhud kemm-il darba jisħaq "*Irrid nghid ukoll li dak iz-zmien [kien] applikabbli l-Avviz Legali 281[li] kien jindika li jkun hemm ilqugh prottetiv bizzejjed illi jilqa' lil dak li jkun milli jaqa'. Imbaghad kienet giet emendata il-ligi dik is-sena stess f'Awwissu 2018*

*tramite l-avviz legali 88 tas-sena 2018 artikolu 5.5 tal-iskeda B*" (a' fol 149 tergo). Dwar din il-kwistjoni jerġa' jgħid in kontro ezami "*Ghax kien hemm problema fil-Qorti hux ghax il-legislatur ma kienx car fl-ewwel ligi allura hassejna li kellna nghaddu rakkomandazzjoni taghna allura l-legislatur hass li kellu ovvjament jerga', ghax is-sens kommun jiktbu fil-ligi. Ghax is-sens kommun jghidlek jekk inti ha taghmel ilqugh, l-ilqugh irid ikun jilqek. Imma il-ligi kienet dik"*. (Emfażi tal-Qorti a' fol 794 tergo).

**24.** Issa din il-Qorti hija tal-fehma, li biex persuna tinstab responsabbli għall-inċident tassew trid tkun kisret xi norma tal-liġi. Din tista' tkun waħda speċifika jew ġenerali. Il-ksur ta' regola taħt regolament huwa ksur speċifiku iżda dak ġenerali li jiddetta s-sens kommun dan jitnissel min-normativa taħt artikolu 1031 li f'sens ġenerali jesiġi l-artikolu 1032:

*"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."*

**25.** Minn subartikolu 2 jirriżulta ċar li biex dak li jkun jirrendi lilu nnifsu responsabbli taħt subartikolu wieħed ma hemmx bżonn ikun hemm xi regola miktuba. L-assenza ta' normativa miktuba tinnewtralizza biss il-grad akbar ta' ħtija.

**26.** Għalhekk minn eżami tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti jirrisulta ċar li l-konvenut huwa responsabbli għal dak li ġara lill-Attur. Huwa ċar li l-fatt li l-injam minn fejn waqa' l-Attur kien imsammar minn barra dan kien jipperikola lil kull min b'xi mod jistrieħ miegħu. Hekk ċara fil-każ odjern u dan minkejja li l-konvenut kien imwissi kemm-il il darba biex jagħlaq kull fejn kien hemm perikolu simili, kif tant jixhed Keith Debono.

**27.** Għalhekk il-konvenut irid iwieġeb għall-ħsara li sofra l-Attur.

_Likwidazzjoni tad-danni_

**28.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

**29.** Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**30.** La darba kull somma hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, dan irid isir fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*Damnum emergens*

**31.** Id-danni attwali jemerġu minn numru ta' dokumenti li ġew esebiti (a' fol 176 sa 183). Dawn jammontaw għal elfejn mija u sittax-il ewro (€2116) (Ara nota a' fol 178).

**32.** Dawn huma d-danni attwali sofferti mill-Attur.

*Lucrum Cessans*

**33.** F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak insenjat mill-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili per**

**Imħallef Anthony Ellul, fil-kawża Ġużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008**:

"*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: 'Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn millintrojtu tagħha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u 25 diversi sentenzi oħra in materja.'*"

**34.** Sewwa wkoll qalet il-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Susanne Davis et vs Anthony Galea deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997** li "*Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita' mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur*".

**35.** Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qiegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat. F'dan il-kuntest l-istess **Qorti fis-Sentenza fl-ismijiet Joseph Caruana vs Joseph Gafa deċiża fid-29 ta' Mejju 1998** reġgħet ikkonfermat li:

"*Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li teżigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha*."

**36.** Fil-kawża **fl-ismijiet Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et**, jingħad:

"*Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta' diżabilita' għandu jxejjen il-possibilita' li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita' li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun*". Proposta li biha jiġi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-ħsara kellhiex effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita' li jkun sofra.

**37.** Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta' Sentenzi li l-Qorti tqies li huma rilevanti:-

a) **Joseph Smith vs Peter Grech deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995,** id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta *"…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni bl-increments kollha tagħha*". Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza **Butler vs Heard** in kwantu skont il-

Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "*danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti*".

(b) **Francis Farrugia vs David Darmanin deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002**. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat:

"*Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem.*" Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.

c) **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002**. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.

(d) **Sylvia Rosso vs Etienne Galea deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003.** Fil-jum ta' l-inċident l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat:

"*Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kienitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

(e) **Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007.** Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-inċident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bażi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.

(f) **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004.** Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel Qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-inċident ma kellux effett fuq dan l-introjtu.

Madankollu l-Qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "*l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….*". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri.

**38.** Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta hi tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi. L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' essere laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

**39.** Dawn is-sentenzi kollha jistabilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuq dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Din il-Qorti tgħid li bħal ma persuna ta' eta' żgħira li pero' tkun afflita b'multipliċita' ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja

imnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha eta' pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspettattiva prolonguta lil hinn mill-eta' ta' 65 sena.

**40.** Il-Qorti tqies li l-Attur, qabel l-inċident kien għadu relattivament f'saħħtu minkejja li fil-mumernt tal-inċident kellu 65 sena jirrisulta li kien jagħmel diversi xogħolijiet għat-tfal u anke kif tixhed martu kien iċekċek xi ħaġa li biha kienu jissuplimentaw il-Pensjoni. Għalhekk il-multiplier li ser tuża l-Qorti fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' tmien snin użat mill-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Joseph Galea fuq imsemmi.

**41.** Kwantu għal-lump sum payment, stante li l-Kawża ilha pendenti għal aktar minn tlett snin l-ammont ta' tmintax fil-mija (18%) lump sum payment għandu jkun adegwat.

**42.** Kwantu għall-perċentwal ta' disabilita' permanenti, il-Qorti ser tadotta il-perċentwal ta' 70% li dwaru kienu l-aktar qrib l-esperti tal-Qorti. Ir-rapport tal-espert mediku Mr. Anthony Galea Debono jistabilixxi 75% ħsara permanenti. Jgħid hekk ukoll *"As things stand now, that is 3 years after the accident, no improvement in his condition is expected. There is no possibility that Mr Bellia can ever have a gainful employment….In addition his 'quality of life' can only be described as very poor."* (a' fol 220 u fol 563 jgħid li l-kundizzjoni li għandu llum hija irreversibbli). In eskussjoni dan il-Perit tal-Qorti jeskludi għal kollox li l-waqa' hija kkawżata minn xi kundizzjoni anteċedenti għall-inċident (a' fol 559 tergo u 560).

**43.** It-tabib Etienne Muscat psikjatra maħtur mill-Qorti jasal għal din il-konklużjoni: *"The cognitive dysfunction suffered by Mr Bellia and which is permanent, with disturbance of memory, loss of initiative, inability to manage complex situations, with repercussions on his social and family life…. In sum, it is therefore concluded that Mr. Bellia's injury and its aftermath have led to a combined psychiatric disability of 70%."* (a' fol 842).

**44.** Bħala entrojtu Rose Bellia mart l-Attur tgħid li kellu pensjoni ta' circa €700 fix-xahar filwaqt li llum għandhom ħafna mediċini xi jħallsu (a' fol 46 tergo). Apparti dan din tgħid ukoll li kien iġib ħames jew sitt mija jew sebgħa mitt ewro oħra fix-xahar (a' fol 47, xhieda ta' Rose Bellia). Pero' jirrisulta li fl-2018 bil-pensjoni u l-għajnuna supplimentari kien jirċievi b'kollox lejn l-eqreb ewro l-ammont ta' disgħat elef, ħames mija u tlett ewro (€9503) fis-sena. Mentri fl-2021 kien jirċievi disgħat elef sitt mija u tnejn u ħamsin ewro (€9652) (ara a' fol 545). Peress li l-Attur kien għadu f'saħħtu u li kien jagħmel xi ċekċika ta' xogħol apparti l-pensjoni l-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri somma oħra ta' tlett elef ewro fis-sena biex b'hekk l-entrojtu annwali tiegħu jammonta għal tnax-il elf sitt mija u ħamsin ewro (€12,650).

**45.** Kif ingħad, l-Attur minkejja l-eta' tiegħu, kien għadu attiv. Il-Qorti qiegħdha wkoll tieħu in konsiderazzjoni li meta persuna tkun ta' ċerta eta'u tkorri, il-korriment iġib miegħu aktar komplikazzjonijiet minn meta

dak li jkun għadu f'eta' iżgħar. Dan il-fatt iċaħħad lill-persuni ta' din l-eta' mill-ftit pjaċiri limitati li ġġib magħha eta' avvanzata. L-awtur John Munken fil-ktieb **Munken on Damages for Personal Injuries and Death** jagħmel referenza għas-Sentenza ingliża fl-ismijiet ta' Frank -vs- Cox tal-1967 u jikkwota lil Sachs li jgħid hekk: "*I take the view that when one has a person in advancing years, in some respect of impairment of movement may perhaps be more serious than it is with a younger person. It is true that he has not got as many years before him through which he has to live with this discomfort, pain and impairment of movement. But it is important to bear in mind that as one advances in life one's pleasures and activities particularly become more restricted and any substantial impairment in the limited amount of activity and movement which person could undertake, in my view, becomes all the more serious on that account*" (**Munken 12th Edition, Lexis Nexis, pg 52 para 6.33**).

**46.** F'dan ir-rigward it-tobba maħtura mill-Qorti jikkonkludu fost oħrajn li "*no improvement in his condition is expected. There is no possibility that Mr Bellia can ever have a gainful employment….<u>In addition his 'quality of life' can only be described as very poor</u>*" u li " *The cognitive dysfunction suffered by Mr Bellia and which is permanent, with disturbance of memory, loss of initiative, inability to manage complex situations, <u>with repercussions on his social and family life</u>*" (Ara supra xhieda tal-esperti mediċi Mr. Anthony Galea Debono u t-Tabib Etienne Muscat).

**47.** F'dan ir-rigward l-awtriċi Giovanna Visitini tagħmel referenza għall-prinċipji żvillupati mill-Qrati taljani fejn fost oħrajn josservaw hekk:

"*Il danno alla vita di relazionee' un componente specifica del danno patrimoniale e implica una menomanzione della cosi detta capacita' di concorrenza del individuo rispetto ad altri soggetti nei rapport socjali ed ekonomici.*" (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabbilita' Civile, Cedam, ed 1997, pg 545**). F'dan ir-rigward din il-Qorti dejjem sostniet li għalkemm huwa minnnu li dawn il-Qrati jimxu fuq il-prinċipji ta' **Butler -vs- Heard** kif evolvew maż-żminijiet, hemm aspetti oħra fil-ħajja tal-individwu li ma humiex kalkolabbli bis-solitu formula stabbilita minn dawn il-Qrati. Fost oħrajn il-kwalita' tal-ħajja li ser ikollu jisseffaq wiċċu magħha d-danneġjat għal bqija ta' ħajtu, it-telf tal-opportunitajiet ta' xogħol jew namra u r-relazzjonijiet tiegħu ma' membri oħra fis-soċjeta' partikularment ma' dawk tal-familja tiegħu. Il-prinċipju applikabbli f'każi ta' korriment huwa dak tar-*restitutio in integrum* li mhux dejjem ikun faċli jekk mhux ukoll impossibli. Għalhekk l-uniku mod kif jista' jkun ikkumpensat dan in-nuqqas bil-likwidazzjoni ta' somma pekunjarja li qatt ma tista' tissostitwixxi dak li ntilef għal dejjem. Għaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri f'dan ir-rigward is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000).

**48.** F'kawżi bħal dawn il-Qrati dejjem jillikwidaw somma oħra imsejħa *lump sum payment* li titnaqqas mill-ammont bħala lucrum cessans. Skont

il-ġurisprudenza stabbilita, il-*lump sum payment* huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001). Fis-Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara Sentenza fl-ismijiet **Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-Sentenza tal-**Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **fl-ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 1 0% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenza fl-ismijiet **Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% u **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena. Il-Qorti tqies li din il-Kawża imxiet b'ċertu ċelerita' u li l-partijiet ikkoperaw mal-Qorti. Tenut kont li din il-kawża ilha pendenti erbgħa snin, il-Qorti tħoss li l-lump sum payment għandu jkun dak ta' 18%.

**49.** Il-Qorti għalhekk sejra tillikwida danni kif ser jingħad:

€12,650 (qliegħ annwali) x 8 (multiplier snin) = €101,200

70% (diżabilita' permanenti) ta' €101,200 = €70,840

€70,840 - 18% (lump sum payment) = €58,089

€58,089 + €6000 (integrita' fiżika) = €64,089

€64,089 + €2116 (damnum emergens) = €66,205 (Ammont finali tad-danni).

**50.** Fl-aħħar nett din il-Qorti tirrileva li jkun aħjar għal dawk li jidħlu fil-qasam tal-kostruzzjoni li qabel jieħdu kors serju dwar is-saħħa tal-ħaddiema u terzi fuq il-lant tal-kostruzzjoni. Biex mingħalihom jiffrankaw mill-ispejjes li iġġib magħha a safe system of work serja, ftit jintebħu, li z-zalza tista' tiġihom ogħla mill-ħuta. Iżda fuq kollox ma japprezzawx, li minħabba traskuraġni f'dan ir-rigward mhux biss ikunu qegħdin jeqirdu ħajja ta' bniedem iżda x'aktarx tal-familja tiegħu ukoll.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Mejju 2018, fis-sit ta' kostruzzjoni suespost proprjetà tal-istess konvenut, u għad-danni kollha

diretti u konsegwenzjali, preżenti u futuri, subiti mir-rikorrent bħala riżultat ta' dan l-inċident.

**Tilqa' it-tieni** talba Attriċi u tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitta u sittin elf mitejn u ħames ewro (€66,205).

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Spejjes kollha tal-kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**